Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 26/2018/1

**Western Co Ltd** **(appellata)**

**Vs**

**Philip Muscat** **(appellanti)**

8 ta' Jannar, 2019.

1. B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €13,635, prezz ta' vettura Toyota Hilux bin-numru LOR 332 u dan wara li osservat li:

   *"Illi jirriżulta li permezz ta' skrittura ffirmata mill-partijiet fl-10 ta' Lulju 2004 (fol 15) is-soċjeta attriċi biegħet u kkunsinnat lill-konvenut vettura tal-għamla Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni LOR 332 bil-prezz ta' LM9,800 ekwivalenti għal €22,627. Skont statement Dok CB-6 ippreżentat a fol 17 et seq., il-konvenut għall-bidu kien iħallas pagamenti regolarment iżda mbagħad waqaf ħesrem (ara item 63) u allura beda jiġi kkreditat l-imgħax sempliċi, b'tali mod li fl-10 ta' Mejju 2018 kien fadal dovut bilanċ ta' €17,723.17. B'danakollu, it-talba hija biss għal €13,635 u dan skont dikjarazzjoni tal-konvenut stess magħmula fit-22 ta' Mejju 2009 (fol 21) – dikjarazzjoni li ma ġietx ikkontestata mill-konvenut u għalhekk tinstab ippruvata;*

   *Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu"*

2. B'rikors prezentat fit-13 ta' Lulju, 2018 l-attur appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu li kien hemm tibdil fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2018; nuqqas ta' opportunita ta' smiegh xieraq; u sentenza mhux moqrija fl-Awla.

3. L-attrici wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Il-qorti tosserva li m'hemmx provi li jikkonfermaw li s-sentenza ma nqratax fil-miftuh.

5. Fil-verbal tad-9 ta' Mejju, 2018 jinghad li l-kawza kienet qeghda tigi differita ghas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2018 ghall-provi tal-konvenut. Pero' f'dak il-verbal ma jissemmiex il-hin li fih kellha tinstema' l-kawza.

6. Mill-verbal tal-25 ta' Gunju, 2018 jirrizulta li l-konvenut u d-difensur tieghu kienu marru fl-Awla fil-11:00 ta' filghodu. Il-konvenut isostni li fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018 kienu nfurmati li fil-25 ta' Gunju, 2018 il-kawza kienet ser

tissejjah fil-11.00 ta filghodu u fiha jinstemghu l-provi tal-konvenut. Fatti li jirrizultaw mid-djarju li d-difensur ghandu fuq il-mobile tieghu u li ntwera lill-qorti waqt is-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2018. Fil-fatt fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2018 gie verbalizzat:

> *"L-Av. Bernard Grech wera lill-qorti l-mobile tieghu fejn ghandu installat google diary u fil-gurnata tal-25 ta' Gunju, 2018 ghandu miktub "Kawza Philip Muscat gheluq provi attur Grazio Mercieca Monday 25th Jun 11.00-11.30 10 minutes before as email 30 minutes before". Iktar l-isfel hemm il-kelma "events" u indirizz ta' email li l-Av. Grech iddikjara li hu tieghu".*

7. Meta l-qorti staqsiet lid-difensur tal-attrici jekk kellux *record* fid-djarju tieghu dwar il-hin li fih kellha tinstema' l-kawza, wiegeb li ma kellux minkejja li jaghmel uzu mill-istess tip ta' djarju bhad-difensur tal-konvenut.

8. Mill-atti jirrizulta li meta fis-seduta tal-11 ta' April, 2018 il-kawza kienet differita ghall-provi tal-attrici ghas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018, l-ewwel qorti ffissat appuntament ghan-12.30 pm u mhux fid-9:00 ta' filghodu.

9. Ghalkemm fid-dokument PM7 (*screenshot* li ttiehdet mill-website tal-Ministeru tal-Gustizzja li fiha hemm is-seduti li saru f'din il-kawza) jissemma l-hin tad-9:00 ta' filghodu, dak li jorbot hu l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018. Dan apparti li m'hemmx prova tad-data meta l-amministrazzjoni tal-qorti ghamlet l-*insertion* ta' dak il-hin fis-sistema tal-Lecam.

10. Il-qorti zzid li l-fatt li fil-verbal m'hemmx hin ma jfissirx li ghandu jkun prezunt li fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018 kien gie determinat li l-kawza kellha tissejjah fid-9:00 ta' filghodu. L-istess jinghad fir-rigward tal-fatt li dakinhar, ir-rapprezentant u d-difensur tieghu kienu prezenti ghas-seduta.

11. Il-prezenza tar-rapprezentant tal-attrici u d-difensur taghha m'hijiex bizzejjed biex twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li fid-9 ta' Mejju, 2018 il-partijiet kienu nfurmati li l-kawza tissejjah fid-9.00 ta' filghodu. Gialadarba m'hemmx il-hin fil-verbal u d-difensur tal-attrici m'ghandux record tad-djarju li zamm dwar dik il-kawza, m'huwiex maghruf jekk marrux f'dak il-hin ghaliex hekk infurmati waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018 jew ghaliex f'xi zmien vicin is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2018 ivverifikaw mis-sistema kompjuterizzata tal-qorti u raw li l-hin kien id-9:00 ta' filghodu.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'hijiex konvinta li fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018 il-qorti nfurmat lill-partijiet li l-kawza kienet ser tissejjah fid-9:00 ta' filghodu. F'dan l-istat ta' incertezza u sabiex jigi assigurat li kull parti tinghata l-opportunita' li tressaq il-provi taghha, ser thassar is-sentenza tal-ewwel qorti u tibghat l-atti lura sabiex il-konvenut jinghata l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu.

**Ghal dawn il-motivi tilqa l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Gunju, 2018.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet peress li dak li gara kien minhabba nuqqas li hemm fil-verbal tal-25 ta' Gunju, 2018 li ebda parti fil-kawza m'ghandha responsabbilta ghalih.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jibghat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex jissokta s-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.